MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1101/2004

**Emanuel sive Noel Falzon**

**Vs**

**VAOS Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' Lm900.00c (disa' mitt lira Maltin) rapprezentanti xoghol ta' konsulenzi prestati lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-Nota ta' Cessjoni tas-sorte pprezentata fil-25 ta' Gunju, 2004 li permezz taghha l-attur ceda s-sorte stante

pagament fil-mori tal-kawza izda zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Ra l-Kapitolu fuq il-kap ta’ l-ispejjez li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur koncernanti l-kap ta’ l-ispejjez tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------